# 35 Sena mill-Inkurunazzjoni tax-Xbieha tal-Madonna fil-Kwadru tal-Viżitazzjoni fl-Għarb mill-Isqof Nikol Cauchi

- Kitba ta' **Dr Joseph Galea** MD (Malta) MD (Sheffield) FRCS (CTh) -

Jekk inħarsu lejn ħamsa u tletin sena ilu, fl-1979, insibu dinja differenti ferm mil-lum. Jien kelli 18-il sena u kont qiegħed nagħmel l-eżamijiet tal-A levels. Il-Gvern Laburista mmexxi minn Duminku Mintoff kien ilu 8 snin fil-Gvern. Fil-31 ta' Marzu ta' dik is-sena l-flotta Ngliża ħalliet Malta[1] u xahrejn wara Margaret Thatcher saret Prim Ministru tar-Renju Unit.[2] Il-Papa Ġwanni Pawlu t-Tieni kien għadu kif ġie elett Papa (16 t'Ottubru,1978) u wara li f'Jannar 1979 għamel l-ewwel żjara barra l-Italja fil-Messiku, f'Ġunju żar pajjiżu l-Polonja fost ferħ kbir ta' niesu.[3] Il-Gwerra bierda kienet għadha fl-eqqel tagħha u l-Istati Uniti, l-Unjoni Sovjetika u Franza kienu ġmielhom jittestjaw l-armi nuklejari biex iżommu d-deterrent.[4] Ħadd ma kien jaf li sena wara f'Awwissu 1980 kienet ser tifforma Solidarność, Union fit-Tarznari ta' Gdańsk fil-Polonja li tat bidu għal bidla radikali fil-politika tal-Ewropa tal-Lvant.[5]

Niftakar kien f'Mejju tal-1979 li l-Arċipriet tal-Għarb, Ġużeppi Borg (Figura 1) sejjaħli wara l-quddiesa konventwali tal-Ħadd biex ngħin lill-Kanonku u Prepostu tal-Kolleġġjata, Dun Salv Camilleri fl-editjar ta' ktejjeb li jikkommemora l-Inkurunazzjoni tal-Madonna fl-inkwadru titulari tal-Viżitazzjoni meqjum fil-Parroċċa tal-Għarb u l-festi triċentarji mit-twaqqif tal-Parroċċa mill-Isqof Ġeralomo Molina fid-29 t'Awwissu 1679.[6] Iktar kmieni dik is-sena, l-Arċipriet Ġużeppi Borg flimkien mal-kleru u l-kunsill parrokkjali kienu ddeċidew li jitolbu l-Isqof t'Għawdex ħalli jagħti l-kunsens tiegħu sabiex bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-triċentinarju tal-Parroċċa tiġi nkurunata ix-xbieha tal-Madonna fil-kwadru titulari tal-Viżitazzjoni.

Fl-1 ta' Mejju 1979 l-Arċipriet u l-kapitlu tal-Għarb talbu uffiċċjalment lill-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi, Isqof t'Għawdex (Figura 2) sabiex issir l-Inkurunazzjoni tal-Verġni Mqaddsa Marija fix-xbieha tagħha fil-kwadru titular tal-Għarb li juri ż-Żjara tal-Madonna lil-qariba tagħha Elizabetta. Id-digriet bil-kunsens tal-Isqof ħareġ mil-Kurja fit-8 ta' Mejju tal-istess sena u fih l-isqof jistqarr li *'nos rati quidem id haud parum conferre posse ut fervens iam erga Virginem populi devotio uberius in idem*



*Figura 1. L-Arċipriet tal-Għarb, Monsinjur Ġużeppi Borg*



*Figura 2. Monsinjur Isqof Nikol Ġ Cauchi*


NICOLAUS JOSEPH CAUCHI
DEI ET APOSTOLICAE SEDIS GRATIA
EPISCOPUS GAUDISIENSIS

Pietatis sedes non obscura esse perhibetur templum paroeciale, collegio canonicorum ornatum et praerogativis Basilicae Minoris donatum, quod Beatae Mariae Virgini de Visitatione sacrum, in pago Garbo, est positum.

Etenim, iam ab anno 1733 impense ibi colitur Imago Almae Deiparae, cui illa appellatio adicitur: tabula altaris maioris, quam Joannes Nicolaus Buhagiar anno 1729 pinxit, Virginem Mariam exhibet domum Zachariae ingredientem et Elisabeth humili gestu salutantem ut in Evangelica narratione refertur.

Cum hoc anno celebrandum sit tertium centenarium ab erectione huius paroeciae pagi Garbo, Rev.mo Archipresbytero Iosepho Borg dictaeque Ecclesiae Rev.mo Capitulo visum est pulcherrima hac uti opportunitate ut vota tam sua quam paroecianorum Nobis, proponeret, Nosque per epistolam diei 1 Maii 1979 rogaret ut imaginem eandem Beatae Virginis de Visitatione corona aurea redimiri decerneremus.

Nos rati quidem id haud parum conferre posse ut fervens iam erga Virginem populi devotio uberius in diem incrementum acciperet, preces Nobis porrectas libenter audivimus.

Quapropter, servatis caeremoniis iure praescriptis, die 25 Julii 1979 istius coronationis ritum Nostris manibus confici decrevimus.

Datum Gaudisii
die 8 Maii 1979
† Nicolaus Joseph Cauchi
Epus Gaudisiensis.

Benedictus Can. Camilleri
Cancellarius.

*Figura 3. Id-Digriet tal-Inkurunazzjoni bil-Malti* [7]

*incrementum acciperet, preces Nobis porrectas libenter audivimus'* li tfisser: Aħna minn qalbna tajna widen għal din it-talba għaliex naħsbu li dan kollu jista' jiswa ħafna sabiex id-devozzjoni tal-poplu diġà mħeġġa lejn Sidtna Marija tkompli tidher u toktor dejjem iżjed'. Kien deċiż ukoll li l-inkurunazzjoni tal-Madonna ssir fil-25 ta' Lulju 1979 u li ser jagħmilha huwa stess bi riti ċerimonjali kif preskritti skont il-liġi .... *'servatis caeremoniis iure praescriptis, die 25 Julii 1979 istius coronationis ritum Nostris minibus confici decrevimus'*(Figura 3).[7]



*Figura 4.*
*Pawlu Camilleri Cauchi*
*(twieled 1940)*

Il-preparazzjoni għall-festi triċentinarji kienu ħafna. Twaqqaf Kumitat għall-Festi Ċentinarji li ħejja l-programm u x-xogħol kollu li kellu jsir. Jiena kelli x-xorti inkun membru ta' dan il-kumitat. Saru diversi appelli għall-ġbir ta' fondi għal festi u l-kuruna tad-deheb u ħaġar prezzjuż.[8] Sar artal maġġur ġdid tal-injam kollu skultura[9], inħaddmu bankijiet ġodda għall-knisja[10],



*Figura 5. Disinn tal-kuruna ta' Pawlu Camilleri Cauchi*



*Figura 6. Disinn ikkulurit tal-kuruna tal-Madonna*



*Figura 7. Disinn tal-Pasta tal-Kuruna tal-Madonna*

saru tiswijiet, irranġar u kkurdar tal-Orgni minn Dun Mikiel D'Amato[11], tlestiet d-dekorazzjoni tas-saqaf tal-kor mil-aħwa Camilleri[12](ddedikawwha lil missierhom

Wistin Camilleri, skultur, li miet fl-4 ta' Lulju 1979) u saru tiswijiet strutturali fil-bini u fl-injam tal-aperturi u għamara oħra tal-knisja.[13]

Id-disinn tal-kuruna għamlu l-artist Għawdxi l-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi (Figuri 4, 5,6 u 7).

Il-kuruna nħadmet mid-deheb u fuqha twaħħlu perli u ħaġar prezzjuż. Il-perli nxtraw mil-ġojjellier u l-ħaġar prezzjuż kien mogħti mil-poplu tal-Għarb. L-isbaħ ħaġra fil-kuruna saret mir-rużetta tal-Arċipriet Borg nnifsu. Ix-xogħol fuq il-kuruna sar minn Edward Vassallo, ta' Regency Jewellers, Co. Ltd, Valletta. Fit-12 ta' Ġunju 1979 l-Arċipriet Borg ħallas is-somma ta' elf, seba' mija u ħamsin liri Maltin (€4,079) lil Edward Vassallo bil-quddiem għal manifattura tal-kuruna tad-deheb fejn qallu li ser tiġi tiswa LM3.50 (€8.15) kull gramma bil-perli b'kollox u l-ħaġar prezzjuż ġie mogħti b'xejn (Figura 8).[14] Il-kuruna tiżen 400g. Il-kuruna ma laħqitx tlestiet kompletament sal-inkurunazzjoni u kellha n-nofs ħnejjiet neqsin (Figura 9). Din tkompliet wara u f'April 1980 l-Arċipriet Borg kiteb ittra lil Edward Vassallo sabiex iħeġġu ħalli jkompliha.[15]

Fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju 1979 saru festi kbar. Għal dawn il-festi attendew diversi prelati tal-knisja fosthom il-Kardinal Sergio Pignedoli, L-Abbati Enrico Baccetti, l-Abbati Anġlu Mifsud u l-Arċisqof Emeritu Mons Mikiel Gonzi. L-inkurunazzjoni tax-xbieha tal-Madonna saret mil-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi fil-pjazza ta' quddiem il-knisja tal-Madonna ta' Pinu nhar l-Erbgħa 25 ta' Lulju 1979 filgħaxija.

It-Tlieta 24 ta' Lulju 1979, lejlet l-inkurunazzjoni, quddiem il-Kanċillier tal-Kurja Veskovili, Monsinjur Beneditt Camilleri u xhieda oħra, Rikardu Buhagiar f'isem il-poplu tal-Għarb offra l-kuruna tad-deheb lill-Monsinjur Ġużeppi Borg biex tiġi nkurunata x-xbieha tal-Madonna fil-kwadru titulari tal-Viżitazzjoni. Waqt dan l-Att ta' trasferiment, is-Sur Buhagiar joffri l-kuruna b'mod irrevokabbli u l-Arċipriet jintrabat f'ismu u f'isem is-suċċessuri tiegħu li din il-kuruna tibqa dejjem fuq ix-xbieha ta' dan il-kwadru 'bla ma qatt tiġi trasferita jew aljenata' (Figura 10).[16]



*Figura 9. Il-kuruna ftit mumenti qabel l-inkurunazzjoni merfugħha minn żewġt it-tfal mil-Parroċċa, Josephine Agius u Joseph Portelli (Ħajr lil Matthew Bajada)*



REGENCY JEWELLERS Co. Ltd.
"REGENCY HOUSE"
KINGSWAY VALLETTA MALTA
ARCHBISHOP STREET,
VALLETTA MALTA G.C.

Tel. 
Telegrams "DIAMONDS - MALTA"
Date 12th June 1979

Received from the Rev. Archpriest of Arp Gozo the sum of One thousand seven hundred and thirty five Malta pounds (£M1750) in advance for the manufacture of a Golden Crown for the Madonna, the weight of which conclusive would be with cultured pearls at £M3.50,0 per gramm all other precious stones added are a donation.

EDWARD VASSALLO
Director.

*Figura 8. Riċevuta ta' Edward Vassallo lill-Arċipriet Borg (Arkivji tal-Parroċċa)*



Illum, nhar it-Tlieta erba' u għoxrin (24) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disa' u sebgħin. (1979)

Quddiemi Rev.mu Kanoniku Beneditt Camilleri, Kanċillier tal-Kurja Veskovili ta' Għawdex, quddiem ix-xhieda hawn taħt iffirmati, f'isem il-Kapitolu u l-Kleru tal-Knisja Parrokkjali u Kolleġġjata ta' l-Għarb, dehru għal dan l-Att, ir-Rev.mu Arċipriet Ġużeppi Borg bin il-mejjtin Ġorġ u Franġiska mwielda Borg u min-naħa l-oħra f'isem il-Poplu nisrani ta' l-istess Parroċċa, is-Sur Rikardu Buhagiar, bin il-mejjtin Pawlu u Mikelina Mifsud.

Il-komparenti jistqarru li l-Eċċellenza Tiegħu Mons. Nikol G. Cauchi, Isqof ta' Għawdex, bid-Digriet tiegħu tat-8 ta' Mejju 1979, laqgħa it-talba lilu magħmula, mill-Kapitolu tal-Insinja Kolleġġjata, sabiex fl-okkażjoni tat-Tielet Ċentinarju mit-twaqqif tal-Parroċċa, tiġi nkurunata x-xbieha tal-Madonna tal-Viżitazzjoni li hemm fil-Kwadru Titulari tal-Knisja fuq imsemmija, u li din il-funzjoni għandha issir għada, ħamsa u għoxrin (25) ta'Lulju, elf disa' mija u disa' u sebgħin (1979).

Għalhekk, il-komparent, Rikardu Buhagiar, joffri il-Kuruna tad-deheb, hawn preżenti, b'mod irrevokabbli, biex tiġi nkurunata x-Xbieha tal-Madonna tal-Viżitazzjoni.

Il-komparenti Rev.mu Arċipriet Mons Ġuseppi Borg, filwaqt li jaċċetta din il-Kuruna jobbliga ruħu, anke f'isem is-suċċessuri tiegħu, li din il-kuruna tibqa' dejjem fuq ix-xbieha tal-kwadru msemmi, bla ma qatt tiġi trasferita jew aljenata.

Il-partijiet, wara li ġew minni ċċertjorati dwar is-sinjifikat ta' dan il-Att u ta' kull parti tiegħu taw il-kunsens tagħhom.

ff. Arcp. Gius. Borg.
R. Buhagiar.
Joseph Bajada S.A.c.
John Apap
Kan. Beneditt Camilleri
Kanċellier.

*Figura 10. L-att ta' trasferiment tal-kuruna mill-poplu tal-Għarb lill-Arċipriet. (Ħajr lil Maurice Cauchi).[16]*



*Figura 11. Il-kwadru titulari tal-Kolleġġjata u Bażilika tal-Għarb li juri iż-Żjara ta' Marija Verġni lil Elizabetta qabel l-inkurunazzjoni*

Il-kwadru titulari tal-Kolleġġjata u Bażilika tal-Għarb li juri iż-Żjara ta' Marija Verġni lil Elizabetta tpitter mil-artist Malti il-Patri Ġan Nikol Buhagiar (1670-1745) fl-1732 u nofsu tħallas mil-Gran Mastru Antonio Manuel de Vilhena u l-bqija mil-kontribuzzjoni tal-poplu tal-Għarb. Sewa 100 skud (Figura 11).[17]

Il-kwadru nqala' minn postu u ttieħed b'purċissjoni lejn il-pjazza tal-Knisja ta' Pinu fejn intrama fuq palk quddiem il-bieb tal-knisja. Intrama ukoll artal biex titqaddes quddiesa. Fis-7.30pm, il-Banda Ċittadina 'Leone' daqqet siltiet mużikali addattati għall-okkażjoni. Fit-8.30pm bdiet Quddiesa Sollenni mmexxija mill-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Nikol Ġużeppi Cauchi Isqof Djoċesan t'Għawdex flimkien ma l-Eċċellenza Tiegħu Attilio Previtali, Isqof ta' Tripli li ġie minflokk Antonio Iannucci, Isqof ta' Pescara, r-Reverendissimu Abbati Enrico Baccetti tal-Kongregazzjoni tal-Benedittini ta' Vallambrosa u l-Abbati Angelo Mifsud OSB (Figura 12). Il-konċelebrazzjoni tal-quddiesa saret bil-latin iżda l-qari sar bil-Malti. L-ewwel lezzjoni nqrat minn Ġużeppi Mizzi Grima, it-tieni qari mill-Apokalissi nqara minn Lucy Piscopo u l-Evanġelju mid-Djaknu Mario Borg mill-Munxar. L-Isqof t'Għawdex, Nikol Cauchi niseġ omelija qasira fuq il-Madonna mtellgħa s-sema u nkurunata Sultana. Iċ-Ċeremonier tal-Isqof Dun Ġorġ Tabone li kien f'din il-kariga mil-1978 sal-1983 jistqarr li l-Isqof Cauchi kien kommoss u kuntent ħafna għaliex raħal twelidu, l-Għarb kien qed juri din l-imħabba lejn il-Madonna u stqarr miegħu li kien iqis l-inkurunazzjoni bħala siġill bejn il-poplu nisrani tal-Għarb u l-Verġni Marija.[18] Fl-omelija qal *"Aħna sejrin inpoġġu din il-kuruna fuq rasha (il-Madonna) biex nuru l-imħabba tagħna lejn din l-Omm Sultana..."* Wara l-omelija, nqara d-digriet tal-Inkurunazzjoni u l-Isqof Cauchi nkuruna x-xbieha tal-Madonna fil-kwadru akkumpanjat bl-isparar ta' kaxxa nfernali u salut bid-daqq tal-fanfarra (Figura 13). Dun Ġorġ Tabone xehed li l-Isqof kien qed jinkwieta xi ftit billi kellu jitla xi tarġiet tal-injam biex jinkuruna l-Madonna għax beża' li jitfixkel u jaqa'.[18] Kollox mar b'wiċċ il-ġid. L-isqof bies ix-xbieha tal-Madonna u warajh telgħu l-konċelebranti kollha. Saret offerta tal-fjuri mit-tifel Joe Portelli. Il-Banda daqqet l-Innu tal-Inkurunazzjoni[19] miktub minn Monsinjur Dun Mikiel Anġ Apap u mużika ta' Dun Mikiel d'Amato. Il-quddiesa tkompliet bl-akkumpanjament tal-Kor 'Laudate Pueri' taħt id-diriġenza ta' Maria Frendo, George Frendo u Joseph Zammit. It-talbiet tal-fidili nqraw minn Stella Cassar, Esther Mizzi, Tereżina Cauchi, Nancy Mizzi u Tonina Cassar. Il-preżentatur magħruf Charles Arrigo anima u kkumenta l-quddiesa. It-tqarbin kellu jsir ġol-knisja għax kien laħaq dalam wisq fil-pjazza.[20, 21]

Wara l-quddiesa ndaqq l-innu popolari tal-Viżitazzjoni u beda carcade lejn l-Għarb li waqaf il-Fgura li tinsab fil-bidu tar-raħal. Minn hemmhekk



*Figura 12. Il-Quddiesa tal-Inkurunazzjoni fil-preżenza tal-Isqfijiet Nikol Cauchi u Attilio Privitali, l-Abbati Enriku Baccetti u l-Abbati Anġlu Mifsud. Iċ-Ċeremonier tal-Isqof Dun Ġorġ Tabone jidher fuq quddiem. (Ħajr lil Matthew Bajada)*



*Figura 13. L-Isqof Nikol Cauchi jinkuruna l-Madonna (Ħajr lil Maurice Cauchi)*



*Figura 14. Il-wasla tal-kwadru fuq iz-zuntier tal-knisja tal-Għarb (L-Arkivji tal-Parroċċa)*

il-kwadru tal-Madonna kien ikkumpanjat mil-Banda 'Leone' b'marċi brijużi sa x'ħin wasal fil-pjazza tal-knisja fejn kien esponut fuq bradella mtella' apposta fuq iz-zuntier tal-knisja (Figura 14). Monsinjur Mikiel Anġ Apap (Figura 15) qara poeżija ta' tifħir lill-Madonna jisimha 'L-Għarb u l-Madonna Sultana'



*Figura 15. Monsinjur Mikiel Anġ Apap jaqra l-poeżija. Jidhru Ġużepp Mizzi u Maurice Cauchi (Arkivji tal-Parroċċa).*

u wara saret Ċelebrazzjoni Ewkaristika bil-barka mill-Eċċellenza Tiegħu l-Abbati Enriku Baccetti.[20]

Dak inhar il-bjut tad-djar kellhom il-bnadar iperpru u r-residenti ta' Triq l-Knisja minn fejn għadda l-kwadru żejjnu t-twieqi u l-galleriji tagħhom bid-dwal u damask aħmar. Matul dik il-lejla sabiħa saret fjakkolata kbira bi fjakkli mixgħula fuq il-bjut tad-djar, fuq il-knisja parrokkjali u saħansitra fuq l-Għolja t'Għammar.

Bħala parti mil-festi tat-triċentinarju u l-inkurunazzjoni saret akkademja mużiko-letterarja nhar is-26 ta' Lulju. L-istoriku Patri Alexander Bonnici O.F.M (Conv) għamel diskors "Lejn Bidu ta' Ħajja Bħala Parroċċa fir-Raħal qadim tal-Għarb". Is-Sur Pawlu Gauci qara' l-poeżija tiegħu bit-titlu "Fl-Okkażjoni tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna". Is-Surmast Ġanni Vella mexxa l-orkestra b'siltiet mużikali tal-okkażjoni.[22]

Is-Sibt 28 ta' Lulju wasal l-Għarb għal-festi l-Kardinal Sergio Pignedoli. Mijiet ta' nies niżlu l-Imġarr biex jilqgħu lill-kardinal kif jasal minn Malta (Figura 16). Fis-6.00pm telaq carcade jakkumpanjah mill-Imġarr sal-Għarb. Fis-6.30pm ġie milqugħ mil-Arċipriet tal-Għarb fil-bieb tal-Knisja Parrokkjali. Saret Konċelebrazzjoni Ewkaristika bil-barka u l-mużika ndaqqet mill-Orkestra u Kor 'Maria Bambina' mmexxija mil-Maestro di Cappella, tal-Parroċċa tax-Xagħra, Għawdex, Mro Nazzareno Refalo.

Il-Ħadd 29 ta' Lulju, l-Eminenza tiegħu l-Kardinal Sergio Pignedoli (Figura 17) mexxa l-Pontifikal Sollenni flimkien mal-Isqfijiet, Monsinjuri, Kapitlu tal-Għarb u Arċiprieti u Kappillani tal-gżira. Il-Kardinal għamel l-omelija waqt il-Pontifikal.

In-Nanna tiegħi, Nozzi (Anna Galea) ppreparat l-ikla ta' nofsinhar tal-Ħadd tal-Kardinal Pignedoli. Niżel mal-Arċipriet Borg fid-dar tan-nannu u n-nanna



*Figura 16. Il-poplu tal-Għarb jistenna lill-Kardinal Pignedoli jasal l-Imġarr (Ħajr Matthew Bajada)*



*Figura 18. Il-Kardinal Pignedoli fil-Purċissjoni mal-Arċipriet Ġużeppi Borg (xellug tar-ritratt) u l-Prepostu Kan Salv Camilleri (lemin tar-ritratt) (L-Arkivji tal-Parroċċa)*



*Figura 17. Il-Kardinal Sergio Pignedoli fuq it-tron fil-Knisja Parrokkjali tal-Għarb (L-Arkivji tal-Parroċċa)*

u niftakarna nippranzaw miegħu. Jien qgħadt ħdejh u kelli x-xorti nitkellem miegħu għal ħin twil. Dak iż-żmien kien President tas-Segretarjat għall-Persuni li m'humiex Kristjani. Tkellem miegħi fit-tul fuq l-evanġelizazzjoni fost iż-żgħażagħ. Kellu Ingliż perfett. Laqtitni l-umilta' u l-kariżma li kellu.



*Figura 19. Il-Kardinal Pignedoli mal-Arċipriet u l-kleru tal-Parroċċa flimkien mal-membri tal-kumitat tal-festi tricentinarji. (Ħajr lil Maurice Cauchi)*



*Figura 20. Il-kwadru bix-xbieha tal-Madonna nkurunata (L-Arkivji tal-Parroċċa)*

Filgħaxija, l-Kardinal Pignedoli mexxa l-Purċissjoni bl-istatwa tal-Viżitazzjoni (Figura 18). Kien ikkumpanjat mill-isqfijiet, kapitli tal-Kattidral u tal-Għarb, arċiprieti, kappillani u patrijiet mill-Kunventi t'Għawdex. Telaq lura lejn l-Italja nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju 1979. Miet f'daqqa għaxar xhur u nofs wara (15 ta' Ġunju 1980) b'emboliżmu pulmonali meta kien qiegħed iżur Reggio Emilia fejn twieled.[23]

Għaddew 35 sena mil-inkurunazzjoni tagħha u ħafna mil-persuni li taw sehemhom biex dik il-festa tkun suċċess m'għadhomx magħna (Figura 19), iżda lilna li għadna ngawduha illum għadha timliena bil-ferħ (Figura 20).

*Nixtieq nirringrazzja mill-qalb lil Maurice Cauchi u Michael Bajada għall-għajnuna kbira li tawni, lill-Arċipriet Joseph Sultana talli tani ċ-ċans nifli l-Arkivji u lil Matthew Bajada ta' wħud mir-ritratti.*

Referenzi

1. Times of Malta, Is-Sibt 31 ta' Marzu, 1979, paġna 1
2. Reitan, Earl Aaron (2003). *The Thatcher Revolution: Margaret Thatcher, John Major, Tony Blair, and the Transformation of Modern Britain, 1979–2001*. Rowman & Littlefield
3. http://news.bbc.co.uk/onthisday/hi/dates/stories/june/2/newsid_3972000/3972361.stm (aċċess 5 ta' Ġunju 2014)
4. http://www.historyorb.com/events/date/1979 (access fl-4 ta' Ġunju 2014)
5. Eringer, Robert (1982). *Strike for Freedom: The Story of Lech Wałęsa and Polish Solidarity*. Dodd Mead
6. Camilleri S, Galea J. Inkurunazzjoni tal-Madonna fl-Għarb, 1979, (Gozo Press, Għajnsielem) pp 36.
7. Ibid paġna 10 (traduzzjoni bil-Malti paġna 11).
8. Dħul ta' Flus għall-festi ċentinarji, Lulju 1979. Arkivji Uffiċċju Parrokkjali, GħarbSezzjoni Manuskritti Ms CHA63 (Katalgu tal-Arkivju; Vol 2 paġ 307).
9. Receipts 1979. Arkivji Uffiċċju Parrokkjali, Għarb Sezzjoni Manuskritti Ms Chd23 (Katalgu tal-Arkivju; Vol 2 paġ 309).
10. ibid.
11. ibid.
12. ibid.
13. ibid.
14. Receipts Centenary Feasts 1979. Arkivji Uffiċċju Parrokkjali, Għarb Sezzjoni Manuskritti Ms Chd22a (Katalgu tal-Arkivju; Vol 2 paġ 309).
15. Ittra mill-Arċipriet Giuseppe Borg lil Edward Vassallo ta' 593, Triq San Ġużepp, Hamrun minħabba l-kuruna li kien ordna (15 Frar 1980)Arkivji Uffiċċju Parrokkjali, Għarb Sezzjoni Manuskritti Ms Cf8w (Katalgu tal-Arkivju; Vol 2 paġ 299).
16. Kopja tad-dokument mgħoddi lili mis-Sur Maurice Cauchi.
17. Galea Joseph. Towns and Villages: Għarb. Heritage Nmr 102 paġ 2023 (2013)
18. Kumunikazzjoni personali bejn Dun Ġorġ Tabone u Michael Bajada u mgħoddija lili minn Michael Bajada.
19. Camilleri S, Galea J. Inkurunazzjoni tal-Madonna fl-Għarb, 1979, (Gozo Press, Għajnsielem) paġni 36.
20. Kumunikazzjoni personali ta' Maurice Cauchi.
21. Camilleri S, Galea J. Inkurunazzjoni tal-Madonna fl-Għarb, 1979, (Gozo Press, Għajnsielem) paġna 20-23.
22. ibid paġna 22.
23. Recent Events. Time Magazine 30 Ġunju 1980